Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,794, 22 ta' Lulju, 2005
Taqsima B

A.L. 261 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Sport and Leisure Studies - Dip. S.L.S. - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord għall-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Sport and Leisure Studies - Dip. S.L.S. - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Sport and Leisure Studies;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Sport and Leisure Studies - Dip. S.L.S.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Sport and Leisure Studies - Dip. S.L.S.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', jissodisfaw ukoll dawn il-kundizzjonijiet:

(a) ma jkollhomx anqas minn 18-il sena fi żmien 3 xhur kalendarji mill-bidu tal-Kors;

(b) jissodisfaw lill-Istitut li huma għandhom id-dispożizzjoni meħtieġa biex isegwu l-Kors, u għal dan il-għan jistgħu jkunu meħtieġa jattendu għal intervista. Huma għandhom jissottomettu wkoll ċertifikazzjoni li turi li huma involuti fl-Edukazzjoni Fiżika u/jew Sport.

4. L-applikanti li jkollhom il-grad ta' Bachelor of Education (Honours) bl-Edukazzjoni Fiżika bħala l-qasam ta' tagħlim jistgħu jidħlu fit-tieni sena tal-Kors, skond ir-regolament 8.1 tar-Regolamenti għad-Dħul taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tlett snin ta' studji fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 90 kredtu, kif ġej:

(a) fl-Ewwel Sena: għadd ta' taqsimiet studju mgħallma u pjazzament prattiku li għalihom hemm assenjati 30 kredtu; u

(b) fit-Tieni Sena u fit-Tielet Sena: għadd ta' taqsimiet studju mgħallma u żewġ Pjazzamenti Prattiċi li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.

(2) Fl-aħħar tat-tieni sena, l-istudenti jkunu meħtieġa jagħżlu qasam ta' speċjalizzazzjoni bejn Sport Coaching u Sport Management, li jixtiequ jsegwu waqt it-tielet sena tal-Kors.

Il-Valutazzjoni

6. (1) L-istudenti jitħallew jerġgħu joqogħdu għall-valutazzjoni ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati sa 8 kredti. L-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 8 kredti, jew li jeħlu f'xi taqsima studju wara valutazzjoni mill-ġdid, ikunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(2) Il-valutazzjonijiet supplimentari għal xi taqsimiet studju mgħallma jsiru f'Settembru.

Il-Pjazzamenti Prattiċi

7. L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' Pjazzament Prattiku jitħallew jirrepetu l-Pjazzament Prattiku f'semestru ta' wara, sakemm l-istudenti jitħallew jirrepetu Pjazzament Prattiku wieħed biss matul il-Kors. L-istudenti li jeħlu f'Pjazzament Prattiku wara valutazzjoni riparatorja, jew li jeħlu f'Pjazzament Prattiku ieħor, ikunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Ir-Rikonoxximent Provviżorju

8. L-istudenti li jiksbu t-30 kredtu tal-programm ta' l-ewwel sena u li, jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplewh ma jtemmux b'suċċess is-sentejn ta' wara, ikunu intitolati għall-għoti taċ-Ċertifikat.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.